SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 36/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/11/'07** **225**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/11/'07** **278**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru, 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Irene Borg.

1.05 Kienu preżenti is-Sur Marvic Cuschieri u s-Sur Karl Diacono ta' l-Impetus Europe Consulting Group Ltd.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

### 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-23 ta' Novembru 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Proġetti Fondi EU.
4. Proġetti Aġġornament:-
   a) Triq Sant’ Elia;
   b) Xatt is-Sajjieda;
   ċ) Ġnien Saver Zarb;
   d) Xogħol ta’ paving ta’ Ta’ Ġiorni H.E.;
   e) Parking Area ħdejn il-Westin - (Devoluzzjoni ta’ l-Art).
5. Ftuħ Uffiċċjali - Proġett Kuridur Ekoloġiku ta’ Ta’ Ġiorni
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 35/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 35/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4648 | Ittra mingħand l-Għaqda ta’ l-Armar Balluta rigward ‘Christmas Carols Concert’. |
| 4676 | Ittra mingħand is-Sur Carmelo Azzopardi rigward pothole fi Triq Lapsi. |
| 4697 | Ittra mingħand is-Surmast Manoel Pirotta rigward kunċert strumentali u vokali tal-Milied. |
| 4711 | Ittra mingħand l-MRES rigward il-‘Clean Up the World Campaign’. |

4755 Ittra mingħand il-MEPA rigward proġetti tal-Urban Improvement Fund (UIF).

4768 Ittra mingħand il-Guard & Warden Service House rigward is-servizzi tal-Gwardjani Lokali.

4782 Ittra mingħand l-ADT rigward Controlled Residents Parking fil-viċinanza tal-ħwienet ta' Portomaso.

4797&K1064 Ittra mingħand l-Avukat Massimo Vella għan-nom tal-Faces Consultants Ltd rigward il-Bus Shelter ta' Triq San Ġorġ.

4802 Ittra mingħand l-HSBC rigward Community Initiatives.

4902 Ittra mingħand is-Sur Ralph Bottone, Westin Dragonara Resort, rigward il-culvert tal-Car Park.

4914 Ittra mingħand is-Sur Gordon Pace, L-Istrina 2007 Co-ordinator.

4943 Ittra mingħand Ms Marisa Micallef sabiex jiġi kkunsidrat li taħdem *'reduced hours'.*

4946 Ittra mingħand Ms Marie Therese Vassallo rigward Kunċert tal-Milied.

5052 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Devoluzzjoni ta' art ta' ħdejn it-Tigulio.

5062 AKL Ċirk. 90/2007 rigward konferenza importanti fil-Kunsill ta' l-Ewropa fis-17 u 18 ta' Jannar 2008.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 4648

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda ta' l-Armar Balluta dwar *'Christmas Carols Concert'* ġie deċiż unanimament illi din l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill għal ammont ta' Lm100.

2.03 Rif. Nru. 4676

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Carmelo Azzopardi rigward ħsara li saritlu fil-karozza, is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi dan huwa każ ġenwin, għaldaqstant ġie deċiż unanimament illi jitħallas tad-danni.

2.04 Rif. Nru. 4697

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Surmast Manoel Pirotta u ġie deċiż unanimament illi din l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill għal ammont ta' Lm100 u Lm15 għat-trasport.

2.05 Rif. Nru. 4768

Saret riferenza għall-minuti 35/K5/07 datati 29 ta' Ottubru 2007, taqsima 2 paragrafu 2.02 fejn inġibdet l-attenzjoni għal-laqgħa li saret mas-Sur Kenneth De Martino, Managing Director ta' The Guard & Warden Service House Ltd dwar is-servizz ta' Gwardjani Lokali meta jinħarġu permessi b'konnessjoni ma' l-Avviż Legali 119 ta' l-2002.

B'riferenza għal din l-ittra ġie deċiż unanimament illi meta jkun qed isir ix-xogħol f'Main Street (ħdejn Spinola Paint Store) ikun hemm Gwardjan Lokali fit-tarf tat-triq.

2.06 Rif. Nru. 4782

B'riferenza għall-ittra mingħand l-ADT rigward Controlled Residential Parking fil-viċinanza tal-ħwienet ta' Portomaso ġie deċiż unanimament illi qabel tittieħed deċiżjoni jiġu indikati liema toroq qed jirreferu għalihom u jiġi nfurmat il-Kunsill.

2.07 Rif. Nru. 4802

B'riferenza għall-ittra mingħand l-HSBC rigward *'Community Initiatives'* ġie deċiż unanimament illi jiġu nfurmati li:-

- Fir rigward tal-***HSBC Cares for Children Fund*** u l-***HSBC Cares for the Environment Fund*** il-Kunsill bi ħsiebu li jagħmel proġett fil-Ġnien ta' Saver Zarb, Triq B'Kara, fejn ser jinbidlu l-bandli u jsir flooring u security gate;

- Fir-rigward tal-HSBC Cares for Malta's Heritage Fund hemm bieb antik tal-Palazzo Spinola (min-naħa ta' Triq Spinola) jew il-gate li hemm fi Triq il-Wilġa qabel taqbad il-blat. Dawn it-tnejn għandhom bżonn li jiġu restawrati.

2.08 Rif. Nru. 4902

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Ralph Bottone tal-Westin Dragonara Resort sabiex isir l-'*enlargement of ducting'*. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dan isir dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa u x-xogħol isir għall-ispejjeż tagħhom.

2.09 Rif. Nru. 4914

B'riferenza għall-ittra dwar il-Programm l-Istrina li ser isir fid-29 ta' Diċembru 2007, ġie deċiż unanimament illi tingħata donazzjoni ta' Lm100 lill-Community Chest Fund u li ċ-ċekk jiġi pprezentat waqt il-programm.

2.10 Rif. Nru. 4943

B'riferenza għat-talba ta' Ms Marisa Micallef sabiex taħdem reduced hours saret riferenza għall-Avviż Legali 127 ta' l-1998, kif emendat bl-A.L. 174 ta' l-1998, A.L. 89 ta' l-2000, A.L. 64 ta' l-2001, A.L. 282 ta' l-2005 u l-A.L. 95 ta' l-2007 Artiklu 14A.

Hawnhekk saret rakkomandazzjoni lill-Kunsill li nhar ta' Erbgħa Ms Micallef taħdem ġurnata normali peress li dak in-nhar jiġu aċċettati permessi u xogħol ieħor wkoll wara nofs in-nhar. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li Ms Connie Said lesta li tkompli tagħti għaxar sigħat ta' servizz klerikali fil-ġimgħa.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:

- Ms Marisa Micallef taħdem sigħat imnaqqsa iżda nhar ta' Erbgħa taħdem ġurnata normali.

- Li l-Kunsill jibqa' jixtri s-servizz ta' Ms. Connie Said.

2.11 Rif. Nru. 4946

B'riferenza għall-ittra ta' Ms Marie Therese Vassallo rigward kunċert tal-Milied b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, ġie deċiż unanimament illi dan isir għal ammont ta' Lm100.

2.12 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fl-4.30 p.m.

Rif. Nru. 5062

2.13 B'riferenza għall-Ċirk 90/2007 rigward konferenza importanti fil-Kunsill ta' l-Ewropa fis-17 u 18 ta' Jannar 2008 dwar r-relazzjoni professjonali bejn l-eżekuttiv u l-ellettiv fil-kunsilli lokali madwar l-Ewropa il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv tattendi din il-laqgħa b'ispejjeż (class A) għall-Kunsill.

**3 Proġetti Fondi EU**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ġimgħa 9 ta' Novembru, s-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa ma' rappreżentant ta' l-Impetus Europe Consulting Group Ltd dwar servizz li jista' jingħata lill-Kunsill sabiex ikun jista jibbenifika mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Għalhekk ġew mistiedna s-Sur Marvin Cuschieri u s-Sur Karl Diacono biex jagħtu spjegazzjoni lill-Kunsill dwar is-servizz li jipprovdu (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier David Borg wasal fl-4.40 p.m.

3.03 Saret diskussjoni qasira fejn fost affarijiet oħra ġie spjegat illi l-ħlas tagħhom huwa ta' 'retainer fee' għal sena u 'suċċess fee' skond il-proġett.

3.04 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Cuschieri u s-Sur Diacono tal-ħin tagħhom. Dawn ġew skużati fil-5.05p.m.

3.05 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi verbalment kien infurmat illi l-Gvern Ċentrali għandu l-ħsieb illi jipprovdi dan it-tip ta' servizz. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament illi sakemm il-Kunsill ikollu aktar informazzjoni mid-dipartiment din id-deċiżjoni titħalla 'on hold'.

3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2007 is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker attendiet seminar organizzat mill-Forum Malta fl-Ewropa u d-Dipartiment ta' l-

Iżvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent. Dan is-Seminar kien dwar il-programm LEADER li huwa parti mill-pjan ta' Żvilupp Rurali għas-snin 2007 – 2013.

## 4 Proġetti Aġġornament

### a) Triq Sant Elia

4.01 Saret riferenza għall Minuti 34/K5/07 datati 27 ta' Settembru 2007 Taqs 5, Para 5.03. Wara li saret it-talba lill-MEPA, l-Urban Improvement Fund Committee approva t-talba tal-Kunsill u ser jingħataw l-finanzi biex jitwettaq il-proġett.

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat verbalment mis-Segretarja tal-UIF Committee, Ms Marisa Darmanin, illi qabel isir il-kuntratt mal-MEPA, għad irid jinħareġ parti mill-permess lill-Pender Place fejn dawn ta' l-aħħar għandhom iħallsu l-ammont ta' Lm142,200.00 lill-MEPA. Minn dan l-ammont ser jingħataw Lm118,270.00 lill-Kunsill u dawn ser jingħataw fuq tlett pagamenti. L-ewwel pagament jitħallas meta jibda l-proġett, it-tieni pagament meta jkun lest nofs il-proġett u l-aħħar pagament jitħallas meta l-proġett ikun lest kollu.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-MP&DC diġa ġew infurmati sabiex terġa ssir l-applikazzjoni lill-MEPA u jiġi ppreparat it-tender document. Iċ-Chairman issuġġerixxa li l-ammont ta' Lm34,319.00 li l-Kunsill diġa għandu mwarrba fuq triq Sant' Elia jibqgħu hemm temporanjament sakemm jinħareġ it-tender u jintgħażel il-kuntrattur. Jekk jirriżulta li bejn il-flus tal-MEPA u li għandu l-Kunsill ser jibqgħu xi finanzi dawn jiġu re-allokati għal Xatt is-Sajjieda.

4.04 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament illi jinħareġ it-tender ta' Triq Sant' Elia u li jekk jibqa xi finanzi wara li jintgħażel il-kuntrattur dawn jiġu re-allokati għal Xatt is-Sajjieda.

### b) Xatt is-Sajjieda

4.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li d-differenza li ser jifdal bejn Lm142,200.00 u Lm118,270.00 ta' Lm23,480.00 jistgħu jintużaw mill-Kunsill fuq xi proġett ieħor wara li ssir it-talba bil-miktub lill-MEPA.

4.06 Minbarra dan l-ammont hemm Lm22,500.00 li l-Kunsill jista' jutilizza għall-embellishment ta' Xatt is-Sajjieda.

4.07 Ġie ssuġġerit illi f'dan l-istadju ssir talba bil-miktub lill-MEPA biex il-bilanċ li jifdal ta' Lm23,480.00 jingħataw lill-Kunsill sabiex jiżdied ma' l-ammont ta' Lm22,500.00 għall-embellishment ta' Xatt is-Sajjieda. Ġie ssuġġerit illi l-flus li jibqgħu mill-proġett ta' Ta' Ġiorni jiġu allokati wkoll fuq Xatt is-Sajjieda. Dan bi skop biex meta l-Kunsill ikollu l-finanzi meħtieġa jkun jista jsir il-proġett.

4.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**ċ) Ġnien Saver Zarb**

4.09 Il-Kunsill ġie nfurmat verbalment mis-Segretarja tal-UIF Committee, Ms Marisa Darmanin, li l-fondi li l-Kunsill kien ser jingħata ta' Lm3,600.00 għat-tisbieħ ta' Ġnien Saver Zarb waqgħu. Dan minħabba li l-periti damu ma' pprovdew lill-Kunsill bl-informazzjoni neċessarja u għaldaqstant ma waslitx għand il-MEPA fil-ħin stipulat. Konsegwentament il-MEPA assumit li l-Kunsill ma baqax interessat u l-fondi ntużaw mill-Ministeru.

4.10 Madankollu l-Kunsill ġie nfurmat illi b'riferenza għall-Minuti 34/K5/07 datati 27 ta'Settembru 2007 Taqs 5, para 5.07, il-Kunsill bagħat ittra oħra lill-MEPA bl-istima ta' Lm103,362.40 sabiex jiġi kkunsidrat li l-Kunsill jingħata l-finanzi mill-Urban Improvement Fund biex jitwettaq dan il-proġett. F'dan l-istadju l-Kunsill għadu qed jistenna tweġiba.

4.11 L-MP&DC ppreparat stima oħra sabiex jinbidlu l-bandli u jsir il-flooring u security fencing. Din tammonta għat-total ta' Lm28,479.00 (Ara Appendiċi 'B') . Il-finanzi li l-Kunsill għandu mwarrba huwa kif ġej:- **Lm 11,945.00** ġejjin mis-sena finanzjarja 2006/2007; **Lm5,000** re il-mini-van li ġew re-allokati skond minuti 34/K5/07 datati 27/09/07. Total ta' Lm16,945.00.

4.12 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi jinħareġ it-tender kollu u l-Kunsill jirriserva d-dritt li ma jagħmilx kollox f'daqqa. Jekk jifdal xi finanzi wara li jingħata t-tender dawn jiġu re-allokati fuq Xatt is-Sajjieda.

**D) Xogħol ta' paving f' Ta' Ġiorni**

4.13 Saret riferenza għall Minuti 33/K5/07 datati 9 ta' Awissu 2007, taqs 2, para 2.04, dwar l-ammont ta' Lm5,037.46 li ser jiġi provdut mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar fis-sena 2009 biex isir ix-xogħol ta' tarmak, f'ċerti toroq f'Ta' Ġiorni, din is-sena. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-kuntrattur Ludwig Dimech, Dimbros Ltd, aċċetta dawn il-kundizzjonijiet (Rif. Inc. 5006/07).

**e) Parking Area ħdejn il-Westin ( Re: Devoluzzjoni ta' l-art)**

4.14 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi pjanta dwar kif l-MP&DC qed jirrakkomandaw li jsir il-parkeġġ fl-area ta' fejn il-Kunsill qiegħed jitlob id-devoluzjoni ta' l-art (Ara Appendiċi 'Ċ'). Il-parkeġġ huwa 'surface only' minħabba li biex isir 'multi storey' iridu jsiru r-rampi u biex isir dan jintilfu l-ispazji u jiżdiedu l-ispejjeż. Min-naħa tal-periti diġa bdew il-proċess biex issir l-applikazzjoni għall-permess.

4.15 Ġie deċiż unanimament illi l-perit jiġi nfurmat biex jagħmel emenda fil-pjanta li tipprovdi 'entrance' u 'exit' mill-parking area u li jibqgħu għaddejjin il-proċeduri.

**5 Ftuħ Uffiċċjali tal-Proġett Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni**

5.01 Ġie deċiż unanimament illi l-ftuħ uffiċċjali ta' dan il-proġett isir fl-aħħar ta' Jannar 2008. Għalhekk għandu jiġi nfurmat il-Perit Anton Camilleri sabiex jiġi kkoordinat il-ftuħ.

5.02 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ bħala parti mill-ftuħ uffiċċjali jsir kunċert mill-Big Band Bros. u wara jsir riċeviment;
- ✓ Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsilliera għandhom iressqu s-suġġerimenti tagħhom rigward it-tismija tal-ġnien.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2359 sa 2385 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.04 l-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li:-

- bħal snin li għaddew minflok jintbagħtu Christmas Cards ser tingħata donazzjoni ta' Lm100. Din is-sena din ser tingħata lill-M.U.S.E.U.M.
- Ser jinxtara x-xorb u l-galletini għall-kuntratturi eċċ. bħas-snin li għaddew;
- Il-back office ta' l-amministrazzjoni ser ikun magħluq mit-Tnejn 24 ta' Diċembru 2007 sa l-Erbgħa 2 ta' Jannar 2008 filwaqt li l-front office ser ikun magħluq it-Tnejn 31 ta' Diċembru 2007 u l-Erbgħa 2 ta' Jannar 2008 .

- Ser tingħata bandiera tal-Kunsill lill-Parliamentary Assembly of the Mediterranean.

- It-tapit li kellu l-Kunsill bil-logo ntrema' peress li tqatta.

- Il-Cleansing Services Department informa verbalment lill-Kunsill li mit-30 ta' Novembru 2007 sa April 2008 ser jibda jingħata s-servizz tal-'pedestrian ride on sweeper'. Dan is-servizz ser jingħata mit-Tnejn sal-Ħadd u r-rotta stabilita hija mill-monument LOVE tul il-promenade kollu sa tas-Sliema. Wara April 2008 ikun hemm programm ieħor. Din il-magna ser tintuża minn persuna waħda u meta jkun bil-leave jew sick leave il-magna ma tintużax.

8.02 Inġibdet l-attenzjoni li l-magażine tal-Kunsill huwa lest u li biex jitqassam permezz tad-Door to Door Distributions jew il-Maltapost l-ammont ser jaqbeż il-Lm100.00.

8.03 Wara li l-Kunsill faħħar lis-Sur John Agius għal mod kif sar il-magażine tal-Kunsill ġie deċiż unanimament li s-Sur Agius jieħu ħsieb it-tqassim tiegħu wkoll u li jingħata Lm100 għal dan is-servizz.

8.04 B'riferenza għat-talba li saret miż-żewġ sajjieda li hawn 'full-time' f'San Ġiljan, sabiex isirilhom 'reserved parking' fuq Xatt-is-Sajjieda, ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-ADT sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat jekk hemmx xi regoli għas-sajjieda full-time li dawn jipparkjaw fuq ix-Xatt.

8.05 Intbagħtet ittra ta' ringrazzjament għad-donazzjonijiet li ntbagħtu lill-Kunsill fir-rigward it-tiżjin tal-Milied. Tad-DolceVita Restaurant taw Lm5, u s-Sinjuri Rizzo taw Lm10.

8.06 B'riferenza għall-attivita' Kunsilly fejn kienu mistiednin ukoll il-Kunsilliera ġie deċiż unanimament li l-impjegati tal-Kunsill flimkien mas-Sur Victor Cachia u Ms Connie Said jattendu għal din l-attivita' għas-spejjeż tal-Kunsill.

8.07 B'riferenza għall-Minuti 34/K5/07 datati 27 ta' Settembru 2007, taqs 8, para 8.08, li titratta dwar il-belisha beacons, inġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tan-Northern Harbour District Joint Committee nforma verbalment lill-Kunsill illi fit-tender tal-Light Housekeepers diġa hemm ir-rati. Għal din ir-

raġuni mhux ser jinħareġ tender ieħor iżda ser tingħata works order lill-kuntrattur wara li tingħata stima.

8.08 Inġibdet l-attenzjoni li l-gazzetti kienu qed jinxtraw mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-Kunsill iżda fil-weekend mis-Sindku għas-spejjeż tiegħu. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament illi fil-weekend il-gazzetti jibdew jinxtraw ukoll mill-Kunsill u li s-Sindku jiġi reimburżat l-ispiża għall-gazzetti li xtara ma tul is-sena 2007.

8.09 Ġie deċiż li jsir appuntament bejn il-Kunsillier Edgar Montanaro u rappreżentant tal-ADT dwar it-tabelli li hemm minn San Ġwann għal San Ġiljan peress li dawn qed jisgwidaw lis-sewwieqa mindu nfetaħ il-bridge.

8.10 Hemm bżonn li jinbidlu xi sinjali tat-traffiku li hemm quddiem id-Da Giuliani Hotel. Is-Sindku għandu jivverifikat liema huma mal-kuntrattur tal-Fix All.

8.11 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fis-6.05p.m.

8.12 Ġie deċiż li tintalab stima lill-MSD sabiex jitkompla l-bridge ta' l-injam faċċata tal-Gelat d'Or.

8.13 Ġie deċiż li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill inaddfu l-mirja li hemm fi Triq il-Kbira.

8.14 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport tax-xogħolijiet sabiex dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

8.15 Il-Kunsill ġie nfurmat li laqgħa oħra ser issir il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2007 fl-4 p.m.

8.16 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-6.20pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**